Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 23 ta' Settembru 2022
(OR. en)**

**12616/22**

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0310(COD)**

**CODEC 1328
SOC 503
EMPL 344**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fit-28 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha[1], ibbażata fuq l-Artikolu 153(2), flimkien mal-punt (b) tal-Artikolu 153(1) TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-24 ta' Marzu 2021[2].

3. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fid-19 ta' Marzu 2021[3].

4. Fl-14 ta' Settembru 2022, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. Ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[4].

[1] 12477/20 + ADD 1 sa 3.
[2] ĠU C 220, 9.6.2021, p. 106–117.
[3] ĠU L 175, 7.5.2021, p. 89–95.
[4] 12331/22.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE-CONS 28/22, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bid-Danimarka u l-Iżvezja jivvutaw kontra u l-Ungerija tastjeni.

6. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum 1 għal din in-nota.

7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ikun adottat.

   Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.